

Brussell, 14 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15411/25

FISC 314  
ECOFIN 1517  
DELECT 172

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 7541 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'12.11.2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 fir-rigward tad-data tad-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 7541 final.

Mehmuż: C(2025) 7541 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.11.2025  
C(2025) 7541 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'12.11.2025**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 fir-rigward tad-data tad-dokumenti  
skambjati fil-kuntest tal-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali

għal dazju tas-sisa.

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jstabbilixxu l-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti amministrattivi elettroniċi skambjati permezz tas-sistema kompjuterizzata għall-finijiet tal-Artikoli 20 sa 25.

Skont id-Direttiva (UE) 2020/262, is-sistema kompjuterizzata kienet modifikata biex tinkludi l-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa li huma esportati lejn barra l-Unjoni u l-movimenti ta' oġġetti soġġetti għas-sisa rilaxxati għall-konsum fit-territorju ta' Stat Membru wieħed li jiġu trasferiti lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor biex jitwasslu hemmhekk għal finijiet kummerċjali. Wara dawn il-bidliet, ċerti elementi tad-data tad-dokumenti amministrattivi saru obsoleti jew jeħtieġu modifika. Dawn il-modifiki se jidhru fis-seħħ fi Frar 2026. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 jiġi emendat kif xieraq, biex jiġu stabbiliti l-bidliet fl-istruttura u fil-kontenut tad-dokumenti amministrattivi.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Qabel ma adottat att delegat, il-Kummissjoni ikkonsultat esperti nnominati minn kull Stat Membru fil-Grupp ta' Esperti dwar it-Taxxi Indiretti skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Il-Kummissjoni ddiskutiet l-abbozz ta' regolament delegat ma' esperti maħturin mill-Istati Membri f'laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar it-Taxxi Indiretti li saret f' Settembru tal-2025, u qieset il-fehmiet u l-pożizzjonijiet espressi matul dik il-konsultazzjoni.

Ir-rispons mill-Istati Membri dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat inġabar għal tliet ġimgħat (31/07/2025 - 27/08/2025) u l-kummenti li waslu matul dan il-perjodu ġew integrati fit-test finali.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-att Delegat jistabbilixxi l-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti amministrattivi elettroniċi skambjati permezz tas-sistema kompjuterizzata u li huma msemmija fl-Artikoli 20 sa 25 u l-Artikoli 36 u 37 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262.

Sabiex l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex iħejju għal dawk il-bidliet, u biex jallinjaw id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mad-data li fiha l-verżjoni l-ġdida tas-sistema kompjuterizzata msemmija fid-Deċiżjoni (UE) 2020/263 issir operazzjonali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mit-12 ta' Frar 2026.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.11.2025

## li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 fir-rigward tad-data tad-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra/kkunsidrat/kkunsidraw (i)t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa<sup>1</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 43(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skont id-Direttiva (UE) 2020/262, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti amministrattivi skambjati permezz tas-sistema kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> (“is-sistema kompjuterizzata”).
- (2) L-istruttura u l-kontenut ta' dawk id-dokumenti huma stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636<sup>3</sup> biex tiġi żgurata t-tlestija uniformi tal-formalitajiet meħtieġa u tiġi ffaċilitata s-superviżjoni tal-movimenti ta' oġġetti soġġetti għas-sisa.
- (3) Skont id-Direttiva (UE) 2020/262, is-sistema kompjuterizzata kienet modifikata biex tinkludi l-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa li huma esportati lejn barra l-Unjoni u l-movimenti ta' oġġetti soġġetti għas-sisa rilaxxati għall-konsum fit-territorju ta' Stat Membru wieħed li jiġu trasferiti lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor biex jitwasslu hemmhekk għal finijiet kummerċjali. Wara dawn il-bidliet, ċerti elementi tad-data tad-dokumenti amministrattivi saru obsoleti jew jeħtieġu modifika. Is-sistema kompjuterizzata jenħtieġ li tiġi riveduta biex tikkoreġi kwalunkwe inkonsistenza le nstabu.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 jiġi emendat kif xieraq, biex jiġu stabbiliti l-bidliet fl-istruttura u fil-kontenut tad-dokumenti amministrattivi.
- (5) Sabiex l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex iħejju għal dawk il-bidliet, u biex jallinjaw id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mad-data li fiha l-verżjoni l-għdida tas-sistema kompjuterizzata msemmija fid-Deċiżjoni (UE) 2020/263 issir operazzjonali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mit-12 ta' Frar 2026,

<sup>1</sup> ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2020/262/oj>.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2020/263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u tas-sorveljanza ta' oġġetti soġġetti għas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/263/oj>).

<sup>3</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1636 tal-5 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 billi jistabbilixxi l-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-moviment tal-oġġetti soġġetti għas-sisa, u li jistabbilixxi limitu għat-telf minħabba n-natura tal-oġġetti (ĠU L 247, 23.9.2022, p. 2, [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2022/1636/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/1636/oj)).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-12 ta' Frar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.11.2025

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*